# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi*

**007/2023(INI)**

8.5.2007

# OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar l-immodernizzar tal-liġi dwar ix-xogħol biex taffaċċja l-isfidi tas-Seklu 21
(2007/2240(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Kartika Tamara Liotard

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li ser jadotta:

A. billi r-riċerka wriet illi hemm nuqqas ta' ugwaljanza soċjali u speċjalment bejn is-sessi fl-ekonomija l-ġdida, u jidher li dan in-nuqqas ta' ugwaljanza ser jiżdied, prinċipalment f'dawk l-oqsma fejn it-trejdunjins huma dgħajfa u fejn m'hemm l-ebda ftehim kollettiv,

B. billi jista' jkun li d-drittijiet bażiċi tax-xogħol u tal-protezzjoni soċjali jitnaqqsu b'mod sinifikanti għan-nisa, u dan joħloq sitwazzjoni ta' inċertezza dwar prospetti ta' impjieg fil-ġejjieni u jaffettwa għażliet fondamentali fil-ħajja privata tagħhom bħal pereżempju l-ippjanar ta' familja,

C. billi n-nisa jinsabu f'pożizzjoni ta' żvantaġġ fis-suq tax-xogħol u huma rappreżentati b'mod sproporzjonat f'xogħol part-time u f'forom ta' arranġamenti tax-xogħol ġodda li huma spiss inċerti, bħal pereżempju b'kuntratti mhux permanenti u b'kuntratti ta' kiri ta' ħidma, u b'hekk jiffaċċjaw ostakli meta jkunu qed jipprovaw jiksbu aċċess sħiħ għad-drittijiet u l-benefiċċji soċjali, kif ukoll fit-tiftixa ta' ugwaljanza fis-salarji u ta' opportunitajiet tax-xogħol,

D. billi jitqiesu d-diskriminazzjonijiet li n-nisa huma vittmi tagħhom fir-rigward ta' l-aċċess għas-suq tax-xogħol li dan jirriżulta f'riskju ogħla ta' faqar, u speċjalment id-differenzi fis-salarji li jibqgħu jeżistu minkejja l-livell ta' edukazzjoni u ta' taħriġ indaqs jew superjuri għal dak ta' l-irġiel,

E. billi s-sitwazzjoni ta' żvantaġġ tan-nisa fis-suq tax-xogħol twassal għall-fatt li dawn in-nisa jirċievu medja ta' 15% ta' salarju inqas minn dak ta' l-irġiel, u dan minkejja l-fatt li l-ugwaljanza fis-salarju bejn l-irġiel u n-nisa hija inkorporata fil-leġiżlazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea sa mill-bidu ta' din,

F. billi n-nuqqas ta' ugwaljanza jikkawża spejjeż ekonomiċi diretti u indiretti, u li bil-kontra, l-ugwaljanza fis-salarji tirriżulta f'vantaġġi kompetittivi, l-objettiv li wieħed jasal għal tali ugwaljanza jikkostitwixxi għaldaqstant sfida strateġika importanti ta' żvilupp ekonomiku u soċjali, billi jitqies ukoll li l-Unjoni Ewropea ma tistax tgħaddi migħar l-enerġija u l-kapaċità produttiva tan-nisa li jikkostitwixxu nofs il-popolazzjoni tagħha,

G. billi n-nisa qed jiffaċċjaw bħalissa sfida trippla, jiġifieri li jipparteċipaw iktar fis-suq tax-xogħol, li jwelldu iktar trabi u li jissodisfaw talba ikbar ta' responsabiltajiet ta' kura fi ħdan il-familji tagħhom, filwaqt li hija kważi dejjem il-mara li tintalab li tagħmel il-kompromessi neċessarji sabiex tadatta x-xogħol tagħha għall-bżonnijiet tal-familja u li qed tesperjenza livelli għoljin ta' stress u ta' ansjetà dovuti għall-għaqda ta' l-irwoli fix-xogħol tagħha u ta' kura tal-familja,

H. billi n-nisa spiss iridu joħorġu mis-suq tax-xogħol għal perjodi twal ta' żmien minħabba r-responsabiltajiet ta' kura tat-tfal u tal-familja tagħhom u billi għalhekk l-opportunitajiet tagħhom illi jerġgħu jintegraw id-dinja tax-xogħol huma inqas,

I. billi huwa fatt li mijiet ta' eluf ta' nisa jaċċettaw kundizzjonijiet irregolari ta' impjieg għaliex m'għandhomx l-għażla għax ikunu ħaddiema fid-djar barra minn djarhom jew ikollhom responsabiltajiet ta' kura ta' membri tal-familja anzjani,

1. Jirrimarka li l-adozzjoni ta' miżuri li jsaħħu d-drittijiet u l-benefiċċji tas-sigurtà soċjali għall-ħaddiema part-time u għal dawk li jaħdmu b'arranġamenti flessibbli jew atipiċi, u l-adozzjoni ta' miżuri sabiex tiġi żgurata t-trasformazzjoni ta' xogħol mhux iddikjarat f'xogħol regolari, huma ta' importanza kruċjali f'termini ta' ugwaljanza bejn is-sessi, minħabba l-fatt li l-biċċa l-kbira ta' dawn il-ħaddiema huma nisa; jistieden lill-Istati Membri sabiex jinfurzaw id-dritt għax-xogħol, b'mod partikolari fil-kuntest tar-realtajiet soċjali l-ġodda u ta' l-evoluzzjonijiet reċenti fir-relazzjonijiet tax-xogħol;

2. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jiggarantixxu d-dritt għall-protezzjoni soċjali u għal salarju minimu sabiex dan jippermetti għajxien sigur li m'għandux ikun konness mar-rekord ta' l-impjieg u mat-tip ta' kuntratt u għandu jkun garantit lill-individwi kollha bħala dritt fundamentali;

3. Jisħaq li l-liġi għandha titlob li l-kuntratti mhux permanenti li jiġu mġedda bosta drabi jsiru permanenti; jitlob għal kontroll iktar effiċenti ta' l-użu ta' kuntratti mhux permanenti;

4. Jenfasizza li s-sitwazzjoni tal-qgħad fl-Ewropa mhijiex konformi ma' l-objettivi bażiċi ta' l-Unjoni Ewropea, li huma li jittejbu l-kundizzjonijiet ta' l-għajxien u tax-xogħol tal-popolazzjoni tagħha, u lanqas ma huma konformi ma' l-aġenda ta' Liżbona, li għandha l-għan li jkun hemm iktar impjiegi u impjiegi itjeb, impjieg sħiħ u inklużjoni soċjali u rata ta' impjieg ta' 60% għan-nisa sa l-2010; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tindirizza dawn il-kwistjonijiet b'mod urġenti;

5. Jitlob lill-Kummissjoni biex timplimenta l-ugwaljanza bejn is-sessi b'mod effettiv (gender mainstreaming) fil-proċess ta' konsultazzjoni tagħha; jirrimarka li l-Green Paper tal-Kummissjoni dwar l-Immodernizzar tal-liġi dwar ix-xogħol biex taffaċċa l-isfidi tas-seklu 21 (COM(2006)0708) (Green Paper) ma tiffokax fuq l-effetti tad-differenzi bejn is-sessi fir-rigward tat-tibdil propost;

6. Titlob lill-Istati Membri u lill-persuni li jimpjegaw sabiex jipprovdu opportunitajiet ġodda permezz ta' ħinijiet tax-xogħol flessibbli u sabiex jippromwovu impjiegi part-time u ta' ħidma għal ras dak li jkun, filwaqt li jiżguraw protezzjoni soċjali u drittijiet għall-pensjoni sabiex tittejjeb il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema nisa, tal-persuni żgħażagħ u ta' persuni kbar fl-età;

7. Jisħaq li l-pressjonijiet kompetittivi kkontribixxew biex iwessgħu l-inugwaljanza ekonomika u biex jiżdiedu dejjem iżjed ir-rikjesti għall-flessibilità tax-xogħol, u ħallew impatt negattiv fuq in-nisa f'termini ta' differenzi fis-salarji u tas-segregazzjoni professjonali u settorjali, tal-prospett ta' l-indipendenza ekonomika, u tal-protezzjoni soċjali tagħhom;

8. Jisħaq li l-liġi dwar ix-xogħol għandha tieħu bħala punt ta' bidu tagħha l-eliminazzjoni tad-differenza fis-salarji bejn is-sessi; jemmen li d-differenzi fis-salarji bejn is-sessi f'diversi setturi tax-xogħol jirriflettu n-nuqqas ta' rispett għall-ħidma li ssir min-nisa;

9. Jisħaq dwar in-neċessità li tiġi introdotta sistema korretta ta' evalwazzjoni kemm tal-ħidma ta' l-irġiel kif ukoll tan-nisa sabiex jiġi implimentat il-prinċipju ta' salarji indaqs għal ħidma ta' valur indaqs, li f'ħafna każi ma jiġix appplikat;

10. Jirrimarka li teżisti dimensjoni ta' sessi u ta' ġenerazzjonijiet b'saħħitha fir-riskju li wieħed ikollu pożizzjoni iktar dgħajfa fis-suq tax-xogħol, peress li n-nisa, il-persuni kbar fl-età u ż-żgħażagħ li huma impjegati b'kuntratti mhux standard għandhom inqas opportunitajiet li jtejbu l-pożizzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol;

11. Jisħaq illi rikonoxximent ikbar tad-dritt għar-rikonċiljazzjoni tal-ħajja personali, professjonali u familjari (kemm mill-aspett tal-karriera kif ukoll min dak tal-prestazzjonijiet soċjali u tad-drittijiet għall-pensjoni), li tisħiħ tal-protezzjoni tan-nisa tqal u li qed ireddgħu, li taqsim aħjar tal-karigi familjari u domestiċi bejn in-nisa u l-irġiel, li offerta adegwata ta' servizzi flessibbli ta' żamma tat-tfal u ta' ġenituri dipendenti, kif ukoll it-twaqqif tal-liv għall-missirijiet awtonomu minn dak għall-ommijiet, jikkostitwixxu kundizzjonijiet essenzjali sabiex tiġi garantita l-ugwaljanza tad-drittijiet u ta' l-opportunitajiet tan-nisa u l-irġiel fuq il-post tax-xogħol;

12. Jitlob lill-Kummissjoni, meta tkun qed tmexxi l-proċess tal-Green Paper lejn għaqda bbilinċjata bejn flessibbiltà u sigurtà, sabiex tikkunsidra l-bżonnijiet kemm tal-ħaddiema kif ukoll tan-negozji;

13. Jitlob lill-Istati Membri u lill-imsieħba soċjali sabiex jipprovdu opportunitajiet għal-liv tal-ġenituri u flessibilità ikbar fil-kundizzjonijiet tax-xogħol, partikolarment permezz ta' l-użu ta' teknoloġiji ġodda, sabiex jittejjeb il-bilanċ professjonali, familjari u tal-ħajja privata;

14. Jirrikmanda lill-Istati Membri, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex, fil-qafas tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni, jagħmlu skambju ta' l-aħjar prattiki rigward l-organizzazzjoni flessibbli tal-ħin tax-xogħol u jieħdu kont ta' l-arranġamenti innovattivi ta' ħin tax-xogħol li jilħqu bilanċ tajjeb bejn xogħol u ħajja tal-familja;

15. Jirrimarka li l-liġi moderna dwar ix-xogħol għandha tiggarantixxi l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni Komunitarja u nazzjonali li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol; jirrimarka wkoll li liġi dwar ix-xogħol għandha tappoġġja mekkaniżmi effettivi li jiggarantixxu opportunitajiet indaqs għall-ħaddiema kollha, jiġifieri tipprojbixxi d-diskriminazzjoni fil-proċeduri ta' reklutaġġ, tippermetti l-aċċess għall-promozzjoni u t-taħriġ u tiżgura protezzjoni adegwata kontra l-vittimizzazzjoni meta individwi jiġġieldu għad-drittijiet tagħhom;

16. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jippromwovu l-adozzjoni ta' mezzi favur l-ugwaljanza fi ħdan impriżi biex jiġu eliminati s-sitwazzjonijiet diskriminatorji fil-kundizzjonijiet tax-xogħol, it-turment sesswali, l-użu ta' lingwaġġ sessista fid-denominazzjoni tal-postijiet tax-xogħol u fl-implimentazzjoni tal-ħin tax-xogħol, u sabiex jiżguraw preżenza ekwilibrata ta' nisa u rġiel fil-kunsilli ta' amministrazzjoni;

17. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li n-nisa u l-irġiel jibbenefikaw tul ħajjithom minn appartenenza kontinwa għas-sistemi ta' sigurtà soċjali, anke jekk huma jnaqqsu jew iwaqqfu l-attività professjonali tagħhom biex jiddedikaw ruħhom għall-edukazzjoni tat-

tfal, u dan sabiex jiġu ggarantiti d-drittijiet tagħhom għall-pensjoni wara l-ħajja tax-xogħol tagħhom; jenfasizza l-bżonn li tiġi żgurata l-edukazzjoni neċessarja għall-ħaddiema tul ħajjithom, sabiex huma jkunu jistgħu jmorru b'suċċess minn sitwazzjoni ta' impjieg għal oħra;

18. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tiffaċċja l-isfruttament fuq ix-xogħol ta' ħaddiema migranti (mingħajr dokumenti), u speċjalment ta' migranti nisa, billi tiffoka fuq l-istrumenti u l-mekkaniżmi għall-prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra l-isfruttament ta' ħaddiema migranti, inkluż ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-drittijiet fundamentali tal-Bniedem u tad-drittijiet tax-xogħol ta' migranti illegali, minflok wieħed jistrieħ fuq ir-repressjoni u d-deportazzjoni;

19. Jinnota bi tħassib kbir li l-Green Paper, filwaqt illi tirrikonoxxi li l-kundizzjonijiet attwali tas-suq tax-xogħol joħolqu nuqqas ta' ugwaljanza bejn is-sessi, pereżempju f'termini ta' differenzi fis-salarji bejn is-sessi u s-segregazzjoni okkupazzjonali u settorjali, tinjora totalment l-obbligi u r-responsabiltajiet fir-rigward tal-pjan ta' azzjoni għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;

20. Jinnota, ukoll bi tħassib kbir, li l-Green Paper, minkejja li tirrikonoxxi li n-nisa jiffaċċjaw żbilanċ bejn il-ħajja professjonali u l-ħajja privata tagħhom, tinjora l-bżonn urġenti għal azzjoni sabiex jiġu kkonċiljati l-ħajja professjonali u l-ħajja privata flimkien ma' l-isfidi demografiċi, u dan kollu bi qbil mal-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi u mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Futur Demografiku ta' l-Ewropa;

21. Jirrimarka li n-nuqqas ta' ugwaljanza bejn l-ammont ta' xogħol tan-nisa u ta' l-irġiel ser jiżdied iktar jekk ser titkompla l-istimulazzjoni ta' l-impjieg tan-nisa mingħajr ma jittieħed kont tax-xogħol ta' kura u tax-xogħol ġewwa d-dar tan-nisa;

22. Jenfasizza n-neċessità li jiġu ggarantiti b'mod effettiv id-drittijiet ta' l-impjieg ta' ħaddiema li joperaw f'kuntest transnazzjonali, permezz tal-Komunità, indipendentement mill-Istat Membru fejn huma jaħdmu, billi jittieħed kont tal-fatt li ħafna minn dawn il-ħaddiema huma nisa;

23. Jirrimarka li t-terminu "flessibilità" fih innifsu mhuwiex ċar: jissuġġerixxi flessibilità u sigurtà għall-ħaddiema, filwaqt li l-konsegwenzi reali huma flessibilità ikbar għal min jimpjega u iktar inċertezza għall-ħaddiem, sakemm il-kundizzjonijiet attwali tas-suq tax-xogħol ma jiggarantixxux id-drittijiet soċjali għal kulħadd u ma jipprovdux lill-ħaddiema b'istrumenti sabiex ikollhom parti fl-iskedar tal-ħinijiet tax-xogħol u jkunu jistgħu jadattawhom għall-bżonnijiet tagħhom;

24. Jenfasizza l-bżonn li tiġi kkjarifikata t-tifsira ta' "ħaddiem" madwar il-Komunità, u tad-drittijiet komuni li l-ħaddiema jibbenefikaw minnhom indipendement mill-istat ta' impjieg tagħhom;

25. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jibqgħu jappoġġjaw id-djalogu tripartitiku bejn il-poteri pubbliċi, il-persuni li jimpjegaw u l-unjins sabiex jittieħed kont tal-partikularitajiet tar-realtajiet soċjali u l-bżonnijiet ġodda li jirriżultaw fil-kuntest tar-relazzjonijiet ta' xogħol, u li jinsab bilanċ bejn ir-responsabiltajiet u l-interessi ta' kull parti;

26. Jenfasizza li t-tkabbir ekonomiku ma jistax iseħħ għad-dannu tad-drittijiet soċjali ta' l-impjegati, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam man-nisa u l-gruppi vulnerabbli bħal pereżempju l-minoranzi;

27. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex, f'koordinazzjoni ma' l-Istati Membri, teffettwa evalwazzjoni perjodika ta' l-impatt ta' l-azzjonijiet li jkunu ttieħdu sabiex ikunu jistgħu jittieħdu l-miżuri neċessarji ħalli jitranġaw l-aspetti fejn ma jkunx sar progress sinifikanti fil-qasam ta' l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.

## PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | L-immodernizzar tal-liġi tax-xogħol biex tissodisfa l-isfidi tas-seklu 21 |
| **Numru tal-proċedura** | 2007/2023(INI) |
| **Kumitat responsabbli** | EMPL |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | FEMM<br>15.2.2007 |
| **Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja** | |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Kartika Tamara Liotard<br>24.1.2007 |
| **Rapporteur għal opinjoni preċedenti** | |
| **Eżami fil-kumitat** | 11.4.2007 2.5.2007 |
| **Data ta' l-adozzjoni** | 2.5.2007 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 12<br>–: 1<br>0: 6 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Katerina Batzeli, Edit Bauer, Ilda Figueiredo, Věra Flasarová, Anneli Jäätteenmäki, Lívia Járóka, Urszula Krupa, Pia Elda Locatelli, Astrid Lulling, Siiri Oviir, Marie Panayotopoulos-Cassiotou, Christa Prets, Amalia Sartori, Eva-Britt Svensson, Anna Záborská |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Anna Hedh, Kartika Tamara Liotard, Marusya Ivanova Lyubcheva, Heide Rühle |
| **Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Daciana Octavia Sârbu |
| **Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)** | ... |